**18 ta' Mejju, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

Carmel *sive* Charles Degabriele

*versus*

Carmelo Desira

## Sentenza – Nullità

*L-art. 790 tal-Kap 12 jipprovdi li meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata dik l-eċċezzjoni, ħlief jekk tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew nuqqas ta' ċitazzjoni jew fuq il-leġittimità ta' persuna, ma tiġix milqugħa jekk, fis-sustanza tagħha, is-sentenza tinsab li hija ġusta.*

Il-Qorti: –

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ottubru, 1991, li minnha sar l-appell preżenti ddeċidiet hekk:-

"Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur.....

*Omissis;*

Ikkunsidrat:-

Illi l-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu kkonkluda li l-fond *'de quo'* **kellu difetti latenti serji** li ma kinux jidhru meta xtrah l-attur iżda li l-konvenut kien jaf bihom;

Illi minn eżami tar-Relazzjoni Peritali l-qorti waslet għall-konklużjoni li għandha tadotta l-konklużjonijiet hemm raġġunti u dan minħabba l-konsiderazzjonijiet peritali ta' natura teknika li l-qorti qegħda tagħmel tagħha;

Illi l-konvenut qiegħed isostni li l-azzjoni odjerna hija intempestiva. Din l-eċċezzjoni però jidher li ma ġietx sostnuta u l-unika raġuni li tressqet in sostenn tagħha hija dik fid-

dikjarazzjoni tal-konvenut illi l-attur l-ewwel interpella lill-konvenut imbagħad għadda għall-azzjoni odjerna; iżda hu ċar li b'daqshekk il-konvenut mhux intitolat li jopponi għall-prosegwiment tal-kawża:

Illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut in kwantu hija diretta kontra l-ewwel (1) talba hija wkoll insotenibbli, kif jidher mill-konklużjonijiet pertali li l-Qorti ġa għamlet tagħha;

Għal dawn il-motivi:-

Tiddeċidi, prevja adozzjoni tar-Relazzjoni Pertali, billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni u tiċħad it-teini eċċezzjoni in kwantu diretta kontra l-ewwel (1) domanda u takkolji l-ewwel (1) domanda;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il- Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata bill tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu u tiċħad l-ewwel talba ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel lok l-appellant qed jissottometti illi l-ewwel Onorabbili Qorti naqset meta sempliċiment għaddiet biex tiddeċidi l-meritu tal-kawża billi fir-rigward qalet biss li kienet

qed taqbel in toto mar-rapport tal-perit tekniku u taddottah u ma daħlitx fil-punti li huwa, l-appellant, issolleva fil-kors tat-trattazzjoni quddiemha partikolarment bin-nota ta' sottomisjonijiet tiegħu. L-appellant issottometta ukoll illi mhux kull ma kiteb il-perit tekniku fir-rapport teigħu kien jammonta għal natura teknika anzi ħafna kien jikkonsist f'apprezzament ta' fatt. Huwa però ma issottomettiex formalment li minħabba f'hekk is-sentenza appellanta għandha tiġi annullata u fit-talba *tiegħu illiminata ruħu biex jitlob ir-revoka;*

Din il-Qorti, ser tissofferma ruħha fuq dan l-aggravju;

F'dan il-kuntest, però, din il-Qorti tara li l-validità ta' sentenza mhix rimessa għax-xelta tal-parti iżda għandha tiġi komminata "*ex officio*" mill-Qorti meta tirriżulta anki jekk il-kwistjoni ma tkunx ġiet isollevata mill-parti;

Din il-Qorti, għalhekk tibda biex tagħmel riferenza għas-sentenza tagħha tal-lum stess in re John Abela vs John Cassar (Appell Ċivili) fejn din il-kwistjoni ġiet investita u fejn ġie spjegat illi l-vot tal-liġi (artikolu 218 tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jirrikjedi aktar minn sempliċi riferenza għar-rapport peritali biex ikun jista' jingħad li s-sentenza tissodisfa il-vot tal-liġi;

*F'dan il-każ partikolari, apparti l-kwistjoni ta' l-eċċezzjoni* ta' l-intempestività, kif jidher mill-korp tagħha, l-istess sentenza appellata ma fiha xejn aktar ħlief dikjarazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li hija tadotta l-konklużjonijiet raġġunti mill-perit tekniku u inoltre speċifikat li kienet qed tagħmel dan minħabba li l-konsiderazzjonijiet peritali kienu ta' natura teknika;

Però, kif sewwa issottometta l-appellant, il-perzija ma kienx fiha biss konsiderazzjonijiet ta' natura teknika. Il-perit Huntingford prattikament sema' l-provi kollha u kif jirriżulta mir-rapport tiegħu għamel diversi konsiderazzjonijiet ta' fatti fosthom li l-konvenut kien jaf bid-difetti eżistenti fil-mument tal-bejgħ. Dan biex ma jissemmewx diversi punti li l-istess konvenut issolleva quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu u li ma jsibux riskontru fis-sentenza appellata li kif ingħad sempliċiment tirreferi għar-relazzjoni peritali;

F'dawn iċ-ċirkostanzi fuq l-iskorta ta' dak li ngħad kemm hawn kif ukoll fis-sentenza l-oħra tal-lum stess li ġa ssemmiet, din il-Qorti ma kienx ikollha alternattiva ħlief li qabel xejn tannulla s-sentenza appellata in kwantu iddeċidiet il-meritu kif iddeċidietu. Billi però l-artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12.) jipprovdi li meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata dik l-eċċezzjoni, ħlief jekk tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni jew fuq il-leġittimità ta' persuna, ma tiġix milqugħa jekk, fis-sustanza tagħha, s-sentenza tinsab li hija ġusta. Din il-Qorti tara li ċ-ċirkostanzi tal-każ jirrikjedu li din il-Qorti tidħol fil-meritu u tiddeċidih biex issir ġustizzja;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant qed jissottometti illi l-ewwel Onorabbli Qorti kieku eżaminati l-fatti u s-sottomissjonijiet tiegħu kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik suġġerita mill-perit tekniku. Prinċipalment l-appellant jissottometti li meta wieħed jikkonsidra illi l-attur qabel ma rriskontra d-difetti li nstabu fis-saqaf ħalla

l-post miftuħ mingħajr ma għamel ebda manutenzjoni ta' xejn fl-agħar tliet xhur tas-sena dan bilfors kellu effett fis-soqfa;

Effetivament is-sottomissjonijeit ta' l-appellant quddiem l-Ewwel Onorabbili Qorti kienu s-segwenti u din il-Qorti filwaqt li ser issemmihom serja tikkonsidrahom:

Omissis;

Ma' dan jista' jiżdied li hemm provi biżżejjed fil-proċċess *illi meta l-attur xtara l-fond de quo* dawn il-vizzji *ma kinux jidhru* li invece l-konvenut kien jaf ben tajjeb li s-saqqaf kellu difetti fih sa minn meta xtrah hu tant li sab xi ħmistax jew għoxrin roqgħa li mliehom bis-siment u ramel wara li barax u żebgħa il-vireg tax-xibka;

*Dan kollu għalhekk jikkonvinċi lil* din *il-Qorti* għa*ll*-fini ta' l-artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 u ta' l-ewwel talba attriċi li d-deċiżjoni appellata fis-sustanza tagħah hija ġusta;

Għal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' l-aggravju tiegħu li s-sentenza appellata kienet difettuża għal dik li hija estenzjoni tal-motivazzjoni, tiddikjara li mhux il-każ però li tannulla s-sentenza u anqas li tirrevokha u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fuq il-bażi tal-konsiderazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq u għalhekk tiċħad l-appell. L-atti qed jiġu rrinvijati lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jiġu ssopportati mill-attur in kwantu l-prinċipju ta' *error judicis error partis*'' u f'dan l-appell is-sentenza ma ġietx annullata kif talab il-konvenut

appellant minħabba prinċipju superjuri mogħti mill-artikolu 790 tal-Kap. 12 u għalhekk l-appellat għandu jeħel l-ispejjeż tal-kawża.